30 ta' Mejju, 1952
Imħallfin:
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Carmelo Grech et. *versus* Francesco Grech**

## Danni — Sentenza.

*Sentenza li jkun fiha deklaratorja tad-danni ma hix prova ta' l-eżistenza tad-danni, u lanqas tal-"quantum" tagħhom. U l-azzjoni għall-aċċertament tad-danni hija intempestiva jekk id-danni jkunu għadhom ma jeżistux.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li biha l-atturi ppremettew li b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Ottubru 1950 fil-kawża fl-ismijiet fuq riferiti, li marret deżerta quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re fl-20 ta' Jannar 1951, il-konvenut ġie dikjarat responsabili tad-danni li sofrew l-atturi, billi abużivament, b'qerq, u mingħajr il-kunsens tagħhom, rabat il-permessi taż-żewġ char-a-banos ta' l-atturi numru 2882 u 114 li jaħdmu rispettivament fil-linji ta' Birkirkara u ta' Bormla, peress li bihom iggarantixxa l-pagament tas-somma ta' £3403. 10. 0, li hu kien issellef mid-ditta "B. Tagliaferro & Sons" b'kuntratt għand in-Nutar Edoardo Calleja Schembri tad-19 ta' Mejju 1947; u li b'dana l-aġir illegali l-konvenut ikkaġuna danni rilevanti lill-atturi, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-atturi s-somma ta' flus, bħala danni, li għandha tiġi likwidata minn dik il-Qorti, okkorrendo anki per mezz ta' perit li għandu jiġi nominat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-28 ta' Awissu 1951, li biha l-konvenut ġie liberat "ab obsevantia", bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi fis-sentenza riferita fl-att taċ-ċitazzjoni ġiet magħmula deklaratorja ġenerika tad-danni; xejn aktar. Hu risaput li din ma hix prova la ta' l-eżistenza u lanqas tal-"quantum" tad-danni. "La declaratoria generica dei danni non costituisce cosa giudicata sulla essenza, quantità e qualità dei danni risar-

cibili" (Cassazione Firenze, 18 febbraio 1892, Semoneschi-Ariosti, Giurisp. T. 29, 372). "La condanna in genere alla rifusione dei danni non costituisce la prova dell'esistenza dei medesimi, la quale prova sta tutta a carico di chi si fa attore nel giudizio di liquidazione" (Cassaz. Firenze 19 agosto 1887, D. L.—B., Gurisp. Ital. 1887, 1. 2. 232). "Per la condanna generica al risarcimento del danno non è necessario che l'esistenza dei danni sia provata, ma basta la non esclusa possibilità loro, salva la loro prova quando si tratterà del loro concreto accertamento" (Cassazione Torino, 20 febb. 1896, Compagnia La Veloce e Garbi—Giurisp. Tor. 33);

Illi l-azzjoni preżenti għall-aċċertament tad-danni hija intempestiva. L-atturi stess għandhom mad-ditta "Tagliaferro" d-dejn imsemmi fol. 9, u ż-żewġ karrozzi huma marbutin għal dak id-dejn, kif ukoll, b'abbuż tal-konvenut, għal dejn tiegħu partikulari. Anki jekk dawn iż-żewġ karrozzi setgħu jinbiegħu fl-1947 bi prezz aħjar minn dak tal-lum, l-atturi ma għamlu l-ebda prova li f'dik l-epoka huma talbu lid-ditta "Tagliaferro" biex takkonsenti għall-bejgħ tal-karrozzi bil-prezz favorevoli allura ottenibili, u li din ma akkonsentietx minħabba d-dejn tal-konvenut. Preżumibilment id-ditta "Tagliaferro" kienet takkonsenti, ġa ladarba l-prezz korrenti kien tajjeb u r-rikavat kien jiġi versat lilha in diminuzzjoni tad-dejn. Fi kliem ieħor, l-atturi ma ppruvawx illi l-fatt abużiv tal-konvenut kien fil-fatt impedixxa l-bejgħ taż-żewġ karrozzi f'dik l-epoka. Lanqas jistgħu l-atturi jgħidu li minħabba li ma nbiegħux il-karrozzi, huma ma naqqsux is-somma tad-dejn u baqgħu għalhekk iħallsu ammont akbar ta' imgħax; u ma jistgħux jgħidu dan, l-ewwelnett għaliex, kif ġà ngħad, huma ma ppruvawx li riedu jbiegħu l-karrozzi u ma rnexxielhomx minħabba l-fatt abużiv tal-konvenut, u t-tieni, huma qegħdin jisservew bil-karrozzi u jieħdu l-qliegħ—dak li ma kienux jagħmlu kieku ddisponew minnhom;

Illi f'kontinġenzi futuri oħra jista' jkun li l-fatt abużiv tal-konvenut ikun produttiv ta' danni aċċertabili; imma f'din il-kawża, "rebus sic stantibus", dan id-dannu għad ma jeżistix, u l-azzjoni hi intempestiva;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi

tiġi milqugħa t-talba tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-imsemmija sentenza, mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Ottubru 1950, il-konvenut ġie dikjarat responsabili għad-danni lejn l-atturi għall-motivi ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni, "jekk b'dak il-fatt huma sofrew danni". B'dik is-sentenza, kif sewwa sostniet l-Ewwel Qorti, ġiet magħmula biss dikjarazzjoni ġenerika ta' *responsabilità għad-danni* kemm il-darba jkun hemm, u fl-ammont li jirriżulta, kif jidher ċar mir-riżerva li saret immedjatament wara dik id-dikjarazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-liċenzi tal-karrozzi imsemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni kienu marbutin mad-Ditta "B. Tagliaferro & Sons" mhux biss għad-dejn partikulari tal-konvenut, li *rigward tiegħu kien rabathom abużivament*, iżda anki għal dejn ieħor ta' l-appellanti f'ammont akbar u konsiderevoli. Għalkemm ix-xhud Sant Fournier ma kienx preċiż fuq il-fatt fuq imsemmi, u rrimetta ruħu għal dak li jgħid l-iskrivan tiegħu Edward Vella, mix-xhieda ta' dan u mill-provi l-oħra.......... jirriżulta b'mod ċar li dawk il-liċenzi *huma marbutin mad-ditta "Tagliaferro"* anki għal dejn ta' l-appellanti; u l-istess Sant Fournier fix-xhieda tiegħu (fol. 114) kien espliċitu u enfatiku fid-dikjarazzjoni tiegħu li, biex jirrinunzja għall-kawtela tal-liċenzi, ried l-ewwel jitħallas, għaliex ma hu fi ħsiebu jirrinunzja għal xejn;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet *miġjubin fis-sentenza appellata*, li qegħdin jiġu adottati, id-dannu pretiż mill-appellanti bħala konsegwenza tal-fatt abużiv tal-konvenut għadu mhux sussistenti, għalkemm 'il quddiem dak l-istess fatt jista' jkun produttiv ta' danni aċċertabili;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-*appell u tikkonferma* s-*sentenza* mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-28 ta' Awissu 1951; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.